**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Il-Hamis 7 ta' Frar 2019

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 85

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 85 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 13 ta' Frar 2019 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

85.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
85.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
85.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
85.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
85.5 Rapporti;
85.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
85.7 Aġġornament dwar Jum il-Qrendi 2019;
85.8 Fond għaż-Żamma u l-Manutenzjoni ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali;
85.9 Kors: It-Tqassim tal-Hin u l-Flus għall-Ġid ta' Saħħtek;
85.10 Inizjattiva t'Għajnuna għall-Korsijiet tat-Tagħlim Tul il-Ħajja 2019/2020;
85.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
85.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-85 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar l-Erbgħa 13 ta' Frar 2019 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-6:30pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsilliera | Daniela Farrugia |
| Kunsilliera | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatriċi | Michaela Vassallo |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR (bagħat ir-raġuni b'ittra li kienet milqugħa unanimament mill-Kunsill Lokali) |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

85.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOOĠIJA**

85.1.1 Is-Sindku David Schembri fil-preżent jinsab rikoverat l-isptar u allura l-Viċi Sindku Charles Zerafa ippreseda l-laqgħa.

85.1.2 Il-Viċi Sindku, f'isem il-Kunsill Lokali, xtaq fejqan ta' malajr lis-Sindku u lill-Kappillan li fil-preżent ukoll jinsab rikoverat fl-isptar Mater Dei.

85.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

85.2.1 Il-Minuti tat-83 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

85.2.2 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud issekondat il-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Il-Viċi Sindku Charles Zerafa għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 85.3, 85.4 u 85.5 jiġu diskussi wara Minuta 85.10 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet sekondata mill-Kunsillier Daniel Farrugia u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

85.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

85.6.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li x-xogħol tkompla wara li kien wieqaf għal diversi ġimgħat minħabba li ma kienx hemm is-surveys mitluba.

85.6.2 Żied li fil-preżent ix-xogħol jinsab għaddej u nittamaw li fil-ġimgħat li

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

ġejjin nirkupraw iż-żmien li tlifna.

## 85.7 AĠĠORNAMENT DWAR JUM IL-QRENDI 2019

85.7.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li kif tkellimna fil-Laqgħa b'Urġenza li nżammet il-ġimgħa li għaddiet, il-preparamenti għaddejjin ġmielhom.

85.7.2 Qal li l-Ġimgħa ser issir is-serata ta' Ġieħ il-Qrendi 2019 u l-Ħadd 24 ta' Frar ser jiġi ċċelebrat Jum il-Qrendi.

85.7.3 Żied li l-inviti għas-serata ta' Ġieħ il-Qrendi ntbagħtu u issa fadal l-aħħar ftit preparamenti sabiex ikun kollox konkluż.

## 85.8 FOND GĦAŻ-ŻAMMA U L-MANTUNEZJONI TA' PROĠETTI INFRASTRUTTURALI MAĠĠURI LI ĠEW IMWETTQA MILL-GVERN ĊENTRALI

85.8.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li forsi nistgħu napplikaw għal Triq San Niklaw, Triq Misraħ is-Sinjura u Triq is-Siġġiewi għaliex dawn kollha saru bħala proġetti kapitali fix-xhur li għaddew, wara l-2017.

85.8.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 85.9 KORS: IT-TQASSIM TAL-ĦIN U L-FLUS GĦALL-ĠID TA' SAĦĦTEK

85.9.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li pjuttost hija diffiċli sabiex isir dan il-kors fil-lokalità tagħna, mhux biss bħala lok fejn ser isiru dawn il-laqgħat imma anke minħabba l-konkorrenza tan-nies.

## 85.10 INIZJATTIVA T'GĦAJNUNA GĦALL-KORSIJIET TAT-TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA 2019/2020

85.10.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li għal darb'oħra nistgħu napplikaw

għall-korsijiet tat-tagħlim tul il-ħajja.

85.10.2 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud qalet li messna nerġgħu napplikaw għall-*Maltese Bobbin Lace Making*.

85.10.3 Il-Kunsilliera Daniela Farrugia pproponiet li napplikaw għall-*Basic Digital* Photography ukoll.

85.10.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li ser napplikaw għal dawn iż-żewġ korsijiet.

## 85.3 <u>KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>

85.3.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li s-sitwazzjoni fi Triq il-Ġwiewel hija li saru r-rapporti lill-entitajiet konċernati u s'issa jidher li għadha ma ttieħdet l-ebda azzjoni.

85.3.1.1 Qegħdin nistennew li nirċievu proposta min-naħa tal-Perit tal-Kunsill Lokali dwar kif nistgħu nipproċedu.

85.3.2 Il-Viċi Sindku tkellem dwar Triq il-Kabiri u qal li sar ilment m'Infrastruttura Malta għaliex ix-xogħol tal-kisi tat-tarmak għadu ma nbediex u hemm dewmien fit-tul.

85.3.2.1 Qal li s'issa għadna ma rċevejna l-ebda risposta mingħand Infrastruttura Malta u qegħdin nittamaw li jkollna risposta fil-jiem li ġejjin.

85.3.3 Il-Viċi Sindku tkellem dwar Triq it-Tempesta u qal li bħalissa qegħdin isiru s-servizzi l-ġodda f'din it-triq qabel tingħata wiċċ ġdid ta' tarmak.

85.3.3.1 Qal li fin-naħa fejn hemm l-għelieqi qiegħda ssir bankina, u kellna xi lmenti mingħand is-Soċjetajiet Mużikali minħabba t-toqob tal-arbli tal-festi.

85.3.3.2 Jidher li dawn it-toqob qegħdin isiru xorta waħda, u qegħdin

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

nitkellmu magħhom dwar il-kobor ta' dawn it-toqob.

85.3.3.3 Qal ukoll li rċevejna diversi lmenti minħabba s-sewqan eċċessiv f'din it-triq u anke saret laqgħa mal-Perit Audrey Testaferrata de Noto dwar dan.

85.3.3.4 Il-Viċi Sindku qal li probabbli ser ikun hemm bżonn jinxtraw xi covers tat-toqob tal-arbli li ser isiru ġodda u ppropona li dawn għandhom jinħarġu mill-Kunsill Lokali sabiex ikunu ta' kulħadd.

85.3.3.5 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

85.3.4 Il-Viċi Sindku tkellem dwar Triq it-Tempesta u l-bore hole tal-ilma li hemm f'din it-triq.

85.3.4.1 Qal li hemmhekk qiegħda toqgħod għadira kbira tal-ilma u qegħdin nippruvaw nirrisolvu din il-problema.

85.3.4.2 Il-Perit tal-Kunsill Lokali qiegħed jieħu ħsieb li joħroġ bi proposta sabiex isir il-qlib neċessarju u din il-problema tiġi riżolta.

85.3.5 Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-permess tas-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena u qal li dan ġie approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar u qegħdin nistennew il-35 ġurnata sabiex ix-xogħol ikun jista' jinbeda.

85.3.6 Il-Viċi Sindku tkellem dwar Wied iż-Żurrieq u qal li bħalissa qiegħed isir it-tisbiħ maġenb it-Torri Xutu.

85.3.6.1 Qal li x-xogħol riesaq għat-tieni fażi tiegħu fejn ser isir il-pavimentar u dan huwa mistenni jkun lest sal-aħħar t'April ta' din is-sena.

85.3.7 Il-Viċi Sindku tkellem ukoll dwar il-possibiltà li jsir parkeġġ taħt l-art minn Infrastruttura Malta.

85.3.7.1 Bħalissa għaddejjin id-diskussjonijiet mal-ERA sabiex wieħed jieħu ħsieb ukoll din iż-żona minħabba li dak il-post huwa turistiku u qrib ħafna tal-baħar, imma s'issa għad m'għandna xejn konkret f'idejna.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

85.3.8 Il-Viċi Sindku tkellem dwar l-istatwa ta' Dr Ġużé Cassar u qal li kienu ntalbu l-istimi sabiex issir din l-istatwa.

85.3.8.1 Qal li kellna xi kwotazzjonijiet u fl-aħħar spiċċajna bi kwotazzjoni t'€40,000 għall-istatwa u €12,000 għat-tisbiħ.

85.3.8.2 Żied li s-Sindku, tkellem ukoll ma' persuna oħra li tatna stima ta' madwar €20,000 imma bħalissa qegħdin nistennew il-kwotazzjoni uffiċjali.

85.3.8.3 Sirna nafu wkoll li t-tisbiħ taż-żona ser isir minn Infrastruttura Malta.

85.3.9 Il-Viċi Sindku tkellem dwar Misraħ il-Maqluba u l-parti li hemm fuq in-naħa fejn hemm il-ħarrub.

85.3.9.1 Bħala Kunsill Lokali ser inkunu qegħdin noħorġu €500 filwaqt li €1000 ser jingħataw mill-GreenPAK u b'hekk ser inkunu qegħdin ninvestu f'afforestazzjoni li ser issir mill-ELC.

85.3.10 Il-Viċi Sindku tkellem dwar xogħolijiet ta' tindif li saru fi tmiem il-ġimgħa li għaddiet.

85.3.10.1 Qal li sar tindif estensiv fi Triq il-Warda, Triq il-Fulija, Triq Santa Katarina, kif ukoll ġiet irranġata bankina fi Triq iż-Żurrieq.

## 85.4 TWEĠIBIET GHALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

85.4.1 Xejn

## 83.5 RAPPORTI

85.5.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li l-aħħar attività soċjo-kulturali kienet suċċess kbir.

85.5.2 Żied li l-attività li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 27 ta' Marzu u ser tkun attività soċjali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 83.11 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

83.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €20,292.64 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 02/19 u €120.72 skont il-*Petty Cash* Ref W/01.

83.11.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li fl-assenza tas-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

83.11.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud u l-Kunsilliera Daniela Farrugia ssekondaw din il-proposta.

83.11.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 83.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

83.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-6:30pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 25 ta' Marzu 2019 fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ____________________ |
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |